MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 33/1999/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Angela Balzan, Antonia Balzan bhala uzufruttwarja ghal kull interess li jista' jkollha.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 t'April 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fis-Siggiewi tal-kejl ta' 298 metri kwadri li tmiss mill-Lbic ma' proprjeta ta' Joseph Balzan u mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta; Joseph Balzan u ohrajn huwa ta' mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) kif jidher mir-rapport tal-Perit Godwon

Drago A.&C.E tat-18 ta' Dicembru, 1998 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikkorent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici"

Ra r-riposta tal-intimati li tghid:

Illi huma jopponu u ma jaccettawx il-kumpens offert mill-Gvern ghax-xiri tal-bicca art fis-Siggiewi tal-kejl ta' 298 metri kwadri mill-kumpens ta' Lm150.

Illi l-art in kwistjoni hija f'building zone u art simili imbieghet b'eluf ta' liri lif gie indikat fl-istess ittra ufficjali u liema kopja tal-kuntratt fl-atti tan0Nutar Nicola Said giet esebita malo-istess ittra ufficjali.

Illi l-kumpens moghti lill-intimati ghanu jkun varjat ghar-ragunijiet fuq imsemmija u cioe' li l-art in kwistjoni hija f'building site u li l-valur tal-art esproprijata hija valutata ferm aktar minn dak offert.

Ghaldaqstant huma mhux preparati jersqu ghall-att definittiv sakemm il-kumpens xieraq dovut lilhom skond il-ligi jigi ffissat minn dan l-Onorabbli Bord u dan meta jiehu in konsiderazzjoni li l-art in kwistjoni hija builing site u l-prezz taghha huwa valutat b'mod differenti minn dak offert.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi wara d-debita notifika ta’ espropriazzjoni ta’ din l-art, l-intimati irrifjutaw l-ammont offert mill-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghaliex huma tal-fehma li din l-art tiswa ferm aktar miss-somma offerta. In sostenn tal-pretensjoni taghhom, l-intimati ressqu xhieda teknika biex juru li din l-art, ghalkemm tinsab barra miz-zona ta’ zvilupp bhala “white area” tmiss ma’ zona skedata ghall-izvilupp u ghalhekk ghandha valur hafna akbar milli kienet art purament barra mill-iskema;

Minkejja dan, l-membri teknici tal-Bord assenjati biex jassistu l-istess Bord f’materja teknika, kkonkudew hekk fir-relazzjoni taghhom li hija annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

Wara li ahna hadna in konsiderazzjoni d-dokumenti kollha esebiti fil-process flimkien mad-deposizzjoni tax-xhieda; Wara li hadna in konsiderazzjoni l-entita’, konfigurazzjoni fizika tal-fond esproprijanda li tinsab fisikament barra z-zona ta’ l-izvilupp kif ikkonfermajna waqt l-access; Minn kalkoli li ahna ghamilna, jidhrilna illi l-kumpens dovut ghall-art esproprijanda ghandu jkun ta’ Euros 1281.16 bhala libera u franka ekwivalenti ghall Lm550.00

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut fis-Siggiewi tal-kejl ta’ 298 metri kwadri li tmiss mill-Lbic ma’ proprjeta ta’ Joseph Balzan u mill-Grigal u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Balzan u ohrajn u dan bil-kumpens ta’ elf mitejn wiehed u tmenin euro u sittax-il centezmu (Euro 1281.16). Jahtar

lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-6 ta' Mejju, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafha bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------